MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' April, 2011

Numru. 260/2011

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Josef Grech, iben Martin, imwieled Pieta' fl-24 ta' Mejju, 1981, Karta ta' l-Identita numru 267081(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fix-xahar ta' Jannar, 2011, qabel it-28 ta' Jannar, 2011 ikkometta serq ta' cheque book minn numru 44, Arc en ceil, Triq il-Ħarriġiet, Mqabba mill-liema cheque book, meta użah, għamel qliegħ għall-ammont ta' aktar minn €232.94 iżda inqas minn €2,329.37, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna għad-dannu ta' Doreen Spiteri (Karta ta' l-Identita numru 167979M);
talli fit-28 ta' Jannar, 2011 f'ħinijiet differenti, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

2. għamel falsifikazzjoni ta' ċedula, polza, ordni jew dokument ieħor, illi meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jjiġbor depozitu jew rahan minn uffiċju pubbliku jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

3. fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awteniku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. fl-istess żmien u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkkostanzi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37 bi ħsara ta' diversi persuni;

6. bil-ħsieb li jqarraq għamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi tagħrif falz lill-uffiċjal awtorizzat, jew ipproduċja xi dokument falz, sabiex ikollu fil-pussess tiegħu karta ta' l-identita, meta kien jaf li dan huwa falz;

7. fl-istess żmien laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat;

8. b'hekk għamel reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża għal sentejn mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Mejju, 2010;

9. b'hekk sar reċidiv b'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mħassra jew mibdula skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Marzu, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
1. fl-artikoli 261(d) u 268(b) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikoli 167(1), 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikoli 5(2) u 14(2) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. fl-artikoli 334 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
6. fl-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali;
7. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April, 2011 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April, 2011 fejn l-imputat ħallas lill-parte ċivile (Hotel Excelsior) dak kollu dovut u l-parte ċivile min-naħa tagħha ddikjarat li ma għandha ebda interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-seba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 167(1), 183, 184, 261(d), 268(b), 281(a), 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5(2) u 14(2) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundanahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputat kien ġie

kkundannat għal piena ta' tmien xhur priġunerija sospiża għal sentejn. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu ta' sentejn ta' din is-sentenza sospiża tiġi estiża għal perjodu ta' sentejn oħra mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------